MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 768/2004

**John Sultana**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija, Prim Ministru, Registratur tal-Qorti, Avukat Generali**

l-Qorti,

Rat ir-rikors promotur fuq indikat datat il-11 t'Ottubru, 2004, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs omissis John Sultana tal-15 ta' Lulju, 2004, hu nstab hati ta' traffikar ta' droga u nghata sentenza ta' habs, flimkien ma' multa u r-relattiva konfiska ta' flejjes, mobbli u mmobbli appartenenti lilu, skont il-ligi, u dan, favur il-Gvern ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti ghandu proprjeta` mobbli u mmobbli li kien akkwista u li dan mhux frott, jew dhul jew eghmil ta’ reati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan, la direttament u lanqas indirettament;

Talab ghalhekk lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara l-proprjeta` mobbli minnu ndikata fl-ewwel talba tieghu li, ghall-ekonomija tal-gudizzju, mhix qed tigi ripetuta hawn, ma kienitx rizultat ta’ profitti jew dhul minn xi eghmil jew reati taht il-Kap 101 fuq gia` ndikat, u dan la direttament u lanqas indirettament;

ii. Tirrilaxxa l-proprjeta` mobbli u mmobbli in dizamina favur ir-rikorrenti fuq indikat;

iii. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimati fuq indikati datata l-25 t’Ottubru, 2004, li permezz taghha rrispondew sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimati Prim Ministru u Registratur tal-Qrati m’humiex il-legittimi kontradditturi stante li l-procedura odjerna ghandha tigi diretta biss kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, oltre l-fatt, li hadd mill-intimati l-ohra m’hu edott mill-fatti;

2. Illi in linea preliminari wkoll l-Avukat Generali wkoll mhux legittimu kontradittur;

3. Illi di piu`, il-procedura odjerna hi ntempestiva stante li l-konfiska ordnata f’sentenza trid tkun frott ta’ sentenza finali, u li fil-kaz odjern, is-sentenza in dizamina hi pendenti l-appell;

4. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement ir-rilaxx mitlub qed jigi oppost;

5. Illi rigward it-talba ghar-rilaxx tal-vettura bin-numru JSP – 663 ghandu jigi sottolineat li din hi

konfiskabbli qua *corpus delicti* stante li fuq l-ammissjoni tar-rikorrenti stess, din intuzat biex tingarr id-droga mill-Italja ghal Malta u ghadha formanti parti mill-procedura tal-appell fuq riferit stante li giet hemm esebita formalment;

6. Illi rigward il-proprjetajiet l-ohra ndikati fir-rikors promotur, ghandu jingieb prova skont il-ligi li l-provenjenza taghhom mhix inkwinata la direttament u lanqas indirettament bir-reat ippostulat, u li tieghu l-istess rikorrenti ghadu ghaddej proceduri kriminali;

7. Illi in vista tal-premess, m'ghandhomx ibatu spejjez;

Rat il-verbal tal-qorti diversament preseduta datat it-18 ta' Jannar, 2005, li permezz tieghu il-kawza in dizamina giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet u, jekk ikun il-kaz, ghat-trattazzjoni finali dwar l-istess, (ara fol 22);

Rat il-verbal datat il-21 t'April, 2005, li permezz tieghu ddikjaraw li effettivament hu minnu li r-rikors promotur gie pprezentat wara s-sentenza tal-Prim' Istanza izda, jirrizulta li l-appell minn din l-istess sentenza ghadu pendenti, (ara fol 22A);

Rat l-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti fejn l-istess partijiet iddikjaraw ukoll li l-istess appell hemm indikat gie deciz, (ara fol 22A), u li allura l-procedura odjerna giet mill-qorti kif hemm preseduta differita ghas-sentenza dwar l-imsemmija l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet preliminari;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-18 ta' Settembru, 2005, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2005, li permezz tieghu ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza kif kienet precedentement indikat

li taghmel, u ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat it-12 ta' Jannar, 2006, li permezz tieghu rtirat it-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara fol 42);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-7 ta' Frar, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi tar-rikorrenti, (ara fol 72);

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, rispettivament datati t-30 t'April, 2012, u t-30 ta' Mejju, tal-istess sena;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs omissis John Sultana tal-15 ta' Lulju, 2004, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Frar, 2005, ir-rikorrenti kien misjub hati ta' traffikar ta' droga u kien gie kkundannat piena karcerarja, multa u l-konfiska ta' flejjes, mobbli u mmobbli hemm indikati;

2. Illi konsegwenza tal-konfiska de quo, ir-rikorrenti mmedjatament intavola l-procedura in dizamina, anke qabel mal-vertenza kienet giet debitament konkluza b'mod finali;

3. Illi r-rikorrenti jsostni li l-proprjeta` mobbli u mmobbli hekk ikkonfiskata ma kienitx bl-ebda

mod ghandu b'rizultat ta' xi reati taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi r-rikorrenti jsostni li l-proprjeta` in dizamina kienet ilha ghandu hafna qabel ir-reat li effettivament kien l-origini tal-procedura odjerna, u jsostni li dan hu adegwatament assodat mill-kuntratti minnu esebiti f'dawn l-atti;
5. Illi l-istess japplika ghall-flejjes lilu hekk sekwestrati;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni sostenuta mill-intimati tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

A. Rigward l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet preliminari:

i. Rigward it-tielet (3) eccezzjoni preliminari:

a. Illi din l-eccezzjoni partikolari tirrigwarda l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li giet intavolata bi ksur tal-artikolu 22C (2) tal-imsemmi Kap 101, senjatament li f'kaz ta' konfiska, il-hati jew persuna nteressata tista' tintavola din il-procedura in dizamina biss kemm –il darba " … is-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali jew konklussiva";

b. Illi pero` in vista tal-fatt li l-intimati rtiraw din it-tielet eccezzjoni preliminari fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2006, (ara fol 42), tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

ii. Rigward l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari:

a. Illi komplessivament jirritjenu li l-intimati Prim Ministru, Avukat Generali u Registratur tal-Qrati m'humiex il-legittimi kontradittturi fil-procedura

odjerna u allura, ghandhom logikament jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

b. Illi dan qed jigi minnhom ribadit a bazi tal-artikolu 22C (5) tal-istess Kap 101 li jistabbilixxi li:

“Ir-rikors u l-avviz tad-data stabbilita ghas-smiegh ghandhom jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija minghajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju ghandu jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors fi zmien hmistax – il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors”;

c. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-uniku interlokatur ghall-finijiet tal-proceduri bhal dik in dizamina ghandu jkun biss l-imsemmi Kummissarju u hadd aktar, u dan, stante li espressament hekk stipulat *ex lege*;

d. Illi ghal dak li jirrigwarda lill-intimat Avukat Generali ghandu jinghad li l-eccezzjoni preliminari de quo hi naxxenti mill-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jistabbilixxi li:

“ L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern”;

e. Illi f’dan ir-rigward ghandu jirrizulta ampjament assodat li s-suespost ma japplikax ghaliex hu manifestement car li procedura bhal dik in dizamina ghandha tkun indirizzata fil-konfront tal-Kummissarju de quo li wara kollox, hu zgur l-aktar persuna edotta mill-fatti tal-istess kaz;

Ikkunsidrat:

Illi epurat is-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ppruvaw dawn l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari u dan, rispettivament a bazi tal-artikolu 22C (5) tal-Kap 101 fuq citat u tal-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 fuq ukoll citat;

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li takkolji z-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari in dizamina, tillibera lill-Prim Ministru, lill-Avukat Generali u lir-Registratur tal-Qrati mill-osservanza tal-gudizzju, u dan, a spejjez tar-rikorrenti John Sultana;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna giet intavolata mir-rikorrenti ghaliex isostni li l-flus, mobbli w immobbli lilu sekwestrati kienu fil-pussess tieghu f'perjodi qabel ma gie nvolut fil-kaz ta' traffikar ta' droga li tieghu instab hati fuq l-ammissjoni tieghu stess, (ara fol 33);

2. Illi kif gie ben tajjeb ritenut mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-procedura in dizamina hi wahda ta' natura specjali u specifika fejn ai termini tal-artiklu 22C tal-Kap 101 il-parti hi permessa tintavola azzjoni dikjaratorja ai fini tal-istess artiklu biex tirribatti l-prezunzjoni stipulata *ex lege* li l-assi kollha tieghu, kienu mobbli kif ukoll immobbli, m'humiex imtebba bl-illecita` in dizamina – senjatament, m'humiex frott it-traffikar tad-droga – u dan, la direttament u lanqas indirettament;

3. Illi kif ritenut ben tajjeb fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla fl-ismijiet **Nazzarene Muscat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, **datata d-29 ta' Settembru, 2009**, fil-kazijiet in dizamina:

" … il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien";

4. Illi di piu`, l-oneru tal-prova rikjest, inkombenti kif inhu fuq min jallegah – u allura hawn, fuq ir-rikorrenti Sultana - :

“ … hu mixhut fuq ir-rikorrenti li ghandu dmir jipprova li l-oggett minnu ndikat ma jkunx instab hati l-akkuzat … dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma ghandu xi forma ta’ konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta’ dak ir-reat”, (Qorti tal-Appell: **Alex Saliba vs Avukat Generali nomine et, datata d-29 ta’ Mejju, 2009**);

5. Illi minn ezami akkurat tal-assi tar-rikorrenti kif elenkat mill-espert legali nominata espressament ghal gbir dettaljat tal-istess jirrizulta li effettivament ir-rikorenti kien il-proprjetarju tal-istess, (liema assi jidhru elenkati bi precizjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni redotti minn Dr. Veronica Aquilina a fol 234 *et sequitur* u f’fol 169);

6. Illi kif sottolineat mill-abbli rapprezentant legali tal-intimati hu biss il-porzjon diviz mill-art maghrufa bhala “Tal-Harrax”, limiti tax-Xaghra, Ghawdex, hemm indikata li mhix hekk kontaminata stante li jirrizulta assodat li kienet giet moghtija lir-rikorrenti b’donazzjoni u konsegwentement, ma giex pruvat li kienet minnu akkwistata minn xi negozju losk jew illecitu;

7. Illi ai fini tal-proprjetajiet l-ohra ndikati, ghandu jinghad li r-rikorrenti jonqos li jipprova sal-grad tal-probabbilita` rikjest, li dawn gew ghandu bl-istess mod;

8. Illi jirrizulta minflok, li l-metodu li bih jidher li hallas ghall-akkwist tal-istess – fi flus kontanti mill-ewwel mal-kuntratt u minghajr l-involviment tas-sistema bankarja – jimmilita favur it-tezi tal-intimati, u zgur li ma jissodisfawx l-assikurazzjoni rikjesta mill-ligi li r-rikorrenti jipprova l-allegazzjoni tieghu;

9. Illi rigward il-vetturi kolpiti b’din il-procedura, senjatament Mitsubishi bin-numru ta’ registrazzjoni JON – 400 u trakk Volvo bin-numru ta’ registrazzjoni JSP – 663, jirrizulta effettivament li t-tnejn gew trasferiti mir-rikorrenti lil terzi nonostante li kolpiti bil-konfiska skont il-ligi, (ara fol 170), liema trasferiment mhux biss hu kontra l-ligi izda jilledi r-rispett li ghandu jkun dovut lill-gudikant;

10. Illi rigward is-salarju percepit mir-rikorrenti ghall-hidma tieghu mas-socjeta` Express Trailers ghandu jinghad li mhux verosimili, u fil-fatt ma jigix rifless fid-dokumentazzjoni bankarja ezaminata fir-rigward, u ghalhekk qed tiehu l-istess allegazzjoni tar-rikorrenti biss bhala tentattiv immatur ta’ depistagg tal-process gudizzjarju u tirrespingieh;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti Sultana naqas igib il-provi legalment sufficcjenti biex jipprova l-allegazzjonijiet minnu prodotti fir-rikors promotur tieghu in sostenn tat-talbiet tieghu hemm intavolati;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li fil-meritu takkolji r-risposti tal-intimati, tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-eccezzjoni tal-porzjon art maghrufa bhala “Tal-Harrax”, limiti tax-Xaghra, Ghawdex, ta’ kejl ta’ circa erbgha u tletin metru u hamsa u sittin centimetru kwadru, (34.65cm2), fuq gia` riferita, liema art ghandha tigi rilaxxata lir-rikorrenti John Sultana, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti John Sultana.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------